# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 900/17/1 AF**

**Michael Francis *sive* Michael Falzon u Alexander Maurice *sive* Alex Falzon fil-kwalità tagħhom personali u flimkien bħala mandatarji tal-assenti ħuthom John Wilfred *sive* John Falzon u George Frederick *sive* George Falzon**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. u b'digriet tal-1 ta' Frar, 2018, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li tissejjaħ fil-kawża Marisa Gabrielle Lincoln**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni mressaq mill-atturi Falzon u dwar appell inċidentali mressaq mill-bank konvenut minn sentenza

mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Lulju, 2020, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi marbuta mal-pretensjoni tagħhom, li l-bank konvenut aġixxa illegalment meta ħalla lill-imsejħa fil-kawża Marisa Gabrielle Lincoln tieħu l-flus tal-mejjet Martin Joseph Falzon, li kien hemm depożitati magħha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-3 ta' Ottubru, 2017, l-atturi fissru li huma flimkien ma' oħthom Marisa Gabrielle Lincoln, huma l-werrieta ta' ħuhom Martin Joseph *sive* Martin Falzon, li għalkemm miet fl-Ingilterra nhar it-30 ta' April, 2015, kien domiċiljat ġewwa Malta.

3. Isostnu li l-mejjet Martin Falzon ma għamilx testment f'Malta, iżda għamel testment fl-Ingilterra fit-22 ta' Diċembru, 2010, li bis-saħħa tiegħu ħatar lil oħtu Marisa Gabrielle Lincoln u lil ħuh George Frederick Falzon bħala eżekuturi u *trustees* tal-wirt tiegħu. George Frederick Falzon iżda rrinunzja milli joqgħod eżekutur testamentarju. Dan it-testment tal-mejjet ġie kkonfermat bil-*probate* mogħti mid-*District Probate Registry* ta' *Brighton* fil-*High Court of Justice, Family Division*, fil-11 ta' Novembru 2015.

4. L-atturi jkomplu jfissru li fil-patrimonju tiegħu l-mejjet kellu ħames

kontijiet miżmuma taħt il-kontroll tal-Bank konvenut l-HSBC Bank p.l.c. li kienu dawn: (i) HBMT 033-013368-050 SVO - €8,203.95c; (ii) HBMT 033-013368-103 TDI - €25,000; (iii) HBMT 033-013368-104 TDI - €25,000; (iv) HBMT 033-013368-105 - TDI €30,000; u (v) HBMT 033-013368-106 TRC - €26,000.

5. Huma jilmentaw mill-fatt li l-bank konvenut ħalla lil Marisa Gabrielle Lincoln toħroġ dawn il-flejjes minn dawn il-kontijiet, mhux biss mingħajr il-kunsens tagħhom iżda bla ma żgura: (i) la li Marisa Gabrielle Lincoln kienet ġiet ikkonfermata skont il-liġi bħala eżekutriċi testamentarja tal-mejjet; u (ii) lanqas li hija kienet ipotekat ġidha bħala garanzija li kienet ħa tamministra b'mod tajjeb il-ġid tal-mejjet.

6. Għad li l-atturi għamlu protest ġudizzjarju kontra l-bank fid-29 ta' April, 2016 u sa anke bagħtulu ittra fl-20 ta' Lulju, 2016, il-bank però baqa' ma tahomx widen. Minħabba f'hekk l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta aġixxiet b'mod illegali meta awtorizzat affavur ta' Marisa Gabrielle Lincoln ir-rilaxx tal-kontijiet bankarja indikati fid-Dok. "A" fuq riferut formanti parti mill-eredità ta' ħuhom Martin Joseph Falzon; u*
>
> *2. Tordna lis-soċjetà konvenuta tirridepożita s-somma ta' €114,203.95c rilaxxjata illegalment affavur ta' Marisa Gabrielle Lincoln, u dana apparti l-imgħaxijiet li kienu applikabbli fl-imsemmija kontijiet.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Protest Ġudizzjarju tad-29 ta' April 2016 kontra l-Bank konvenut, bir-rappreżentanti tiegħu minn issa inġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni.»*

7. Il-bank konvenut wieġeb għal dan ir-rikors maħluf fil-25 ta' Ottubru, 2017, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Bank esponent aġixxa korrettement u skont il-liġi meta rrilaxxja l-kontijiet bankarji li kienu intestati f'isem il-mejjet Martin Joseph Falzon lill-imsemmija Marisa Gabrielle Lincoln li kienet nominata bħala eżekutriċi u trustee tal-eredità tal-imsemmi de cuius a tenur tat-testment tiegħu;*

*2. Illi huwa paċifiku illi d-de cuius miet ġewwa r-Renju Unit u kien għamel testment fit-22 ta' Diċembru 2010 hemmhekk;*

*3. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, Marisa Gabrielle Lincoln ġiet validament appuntata bħala eżekutriċi tal-mejjet skont il-liġi tal-post tad-domiċilju tad-de cuius u għalhekk ma kienx legalment meħtieġ illi l-Bank konvenut jesiġi illi l-eżekuttriċi tottjeni konferma tal-ħatra tagħha mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) u dan għaliex id-de cuius ma kienx jirrisjedi Malta meta miet;*

*4. Illi lanqas ma kien meħtieġ li l-Bank jesiġi li d-digriet mogħti mill-High Court of Justice ta' Brighton jiġi rikonoxxut minn Qorti hawn Malta u dan għar-raġuni illi r-Regolamenti Ewropew li jirregola s-Suċċessjoni Numru 650/2012 ma japplikax għal fatti tal-każ stante illi d-de cuius miet fit-30 ta' April 2015 mentri l-istess regolament ġie fis-seħħ fis-17 ta' Awwissu 2015;*

*5. Illi l-fatt illi l-eżekutriċi Marisa Lincoln ressqet rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) u ġie miċħud a bażi ta' ġurisdizzjoni mhuwiex materjali għal każ odjern għaliex fl-ewwel lok dan ir-rikors kien ġie preżentat fl-10 ta' Ottubru 2016 mentri l-kontijiet bankarji kienu ġew rilaxxjati fit-3 ta' Marzu 2016;*

*6. Illi biex il-ġudizzju jkun integru jeħtieġ li tiġi kjamata fil-kawża l-eżekutriċi li rċeviet il-fondi biex, jekk ikun il-każ, tkun hi li tiġi obbligata tirridepożita l-istess fil-kont minn fejn inġibdu u biex jiġi evitat multipliċità ta' ġudizzju fil-każ estrem li jkun hemm eżitu favorevoli għall-atturi u l-Bank ikollu jeżerċita dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-istess eżekutriċi.»*

8. B'digriet mogħti fl-1 ta' Frar, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat li Marisa Gabrielle Lincoln tiġi msejħa fil-kawża. L-imsemmija msejħa fil-kawża ġiet iddikjarata mill-Ewwel Qorti bħala kontumaċi fil-21

ta' Mejju, 2019.

9. B'sentenza finali mogħtija fl-1 ta' Lulju, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom, fuq is-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet:

> *«Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar rilaxx ta' flus minn kontijiet bankarji ta' persuna li mietet. L-atturi jikkontendu li l-bank intimat aġixxa b'mod illegali meta awtorizza r-rilaxx tal-flus depożitati f'isem Martin Falzon lill-imsejħa fil-kawża. Huma qegħdin għalhekk jitolbu lill-Qorti tordna li jerġgħu jitqiegħdu l-bank dawn il-flejjes bl-imgħax applikabbli.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi u l-imsejħa fil-kawża huma aħwa. L-aħwa Falzon flimkien huma l-eredi ta' ħuhom Martin Falzon li għalkemm imwieled Malta, miet ġuvni fl-Ingilterra nhar it-30 ta' April 2015. Hawn Malta id-defunt ma għamel l-ebda testment iżda kien għamel testment l-Ingilterra fit-22 ta' Diċembru 2010 li bih innomina lil oħtu l-imsejħa fil-kawża u lil ħuh l-attur George Falzon bħala eżekuturi u trustees tal-eredità tiegħu u lil ħutu kollha flimkien u b'mod ugwali bħala l-eredi tiegħu.*
>
> *L-attur George Falzon irrinunzja minn eżekutur testamentarju għaliex ħass illi ma setax jeżegwixxi l-inkarigu flimkien mal-imsejħa fil-kawża minħabba diżgwid bejniethom. It-testment ta' Martin Falzon kien ġie konfermat bil-probate mogħti mid-District Probate Registry ta' Brighton fil-High Court of Justice, Family Division, tal-11 ta' Novembru 2015. L-imsejħa fil-kawża applikat għal dan id-digriet waħedha. Għar-raġunijiet li jafuhom huma biss, l-ebda parti fil-kawża ma preżentat kopja ta' dan id-digriet fl-atti ta' din il-kawża.*
>
> *L-aħwa Falzon iffirmaw id-dikjarazzjoni causa mortis dwar il-mewt ta' ħuhom flimkien qua eredi tiegħu. Is-suċċessjoni tad-defunt kienet tikkomprendi inter alia ħames kontijiet miżmuma mal-bank intimat li fihom kien hemm depożitat l-ammont komplessiv ta' €114,203.95. Dawn il-flus kienu ġew irrilaxxati favur l-imsejħa fil-kawża f'Marzu tal-2016 fuq talba tagħha abbażi tad-digriet maħruġ mill-Qorti ta' Brighton.*
>
> *L-imsejħa fil-kawża preżentat rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Volontarja) fejn talbet ir-rikonoxximent tan-nomina tagħha mill-High Court of Justice ta' Brighton, l-Ingilterra. Permezz ta' digriet tad-9 ta' Diċembru 2016, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tagħha għaliex sabet li ma kellhiex kompetenza ratione materiae.*

*Li l-imsejħa fil-kawża ma tridx tikkopera mal-atturi u li qiegħda tirrifjuta li tgħidilhom x'inhi tagħmel bl-assi li jagħmlu parti mis-suċċessjoni ta' ħuhom hija ċara mill-atti tal-kawża. Jirriżulta li l-imsejħa fil-kawża sa anke rrifjutat li tersaq għall-att ta' bejgħ finali ta' proprjetà li l-partijiet kienu wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom tant illi ġew intavolati proċeduri kontra tagħhom mill-bejjiegħ. L-imsejħa fil-kawża biegħet l-immobbli li kellu d-defunt l-Ingliterra u qiegħda tirrifjuta wkoll li tagħti lill-atturi tagħrif dwar x'għamlet bir-rikavat ta' dak il-bejgħ kif ukoll mill-flus mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*L-atturi jinsistu li l-bank intimat ma kienx korrett u lanqas mexa skont il-liġi meta awtorizza dan l-iżbank għaliex għamel hekk mingħajr ma assigura li l-imsejħa fil-kawża kienet ikkonfermata bħala eżekutur testamentarju tad-defunt Martin Falzon u tirreġistra ipoteka li tamministra tajjeb il-ġid tal-mejjet u li tirrendi kont skont il-liġi. Dan aktar u aktar meta r-Renju Unit ma jirrikonoxxix cross border successions.*

*Il-bank intimat eċċepixxa li huwa aġixxa skont il-liġi stante li l-imsejħa fil-kawża kienet nominata bħala eżekutriċi u trustee tal-eredità tad-defunt. L-intimat eċċepixxa wkoll illi l-imsejħa fil-kawża kienet ġiet validament appuntata bħala eżekutriċi testamentarja tad-defunt skont il-liġi tal-pajjiż tad-domiċilju tiegħu u għalhekk li l-bank ma kellux għalfejn jesiġi li l-imsejħa fil-kawża tottjeni konferma tal-ħatra tagħha mill-Qrati.*

*Eċċezzjoni oħra hija fis-sens illi ma kienx hemm għalfejn li d-digriet mogħti mill-High Court of Justice ta' Brighton jiġi rikonoxxut mill-Qrati Maltin għar-raġuni li r-Regolament Ewropew li jirregola s-suċċessjoni 650/2012 EU ma japplikax stante li d-defunt miet fit-30 ta' April 2015 u dan ir-regolament ma japplikax għas-suċċessjoni ta' dawk li mietu qabel is-17 ta' Awissu 2015.*

*L-imsejħa fil-kawża għażlet li ma tirrispondix għat-talbiet attriċi minkejja li debitament notifikata u allura rrendiet ruħha kontumaċi. B'mod "insolite" għall-aħħar hija ppretendiet illi tiddeċiedi hi dwar jekk din il-Qorti għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi din il-kawża.*

*A tenur tal-artikolu 682 tal-Kap. 16 kif kien jaqra qabel ma ġie mħassar permezz tal-Att XVI tal-2015,*

> *«Testment magħmul barra minn Malta, għandu effett f'Malta, kemm-il darba jkun ġie magħmul skont il-forma li trid il-liġi tal-lok fejn ikun sar.»*

*L-Att XVI tal-2015 jimplementa fil-liġi tagħna r-Regolament 650/2012 EU. Madankollu, dan ir-regolament ma japplikax ġewwa r-Renju Unit u fi kwalunkwe każ ma japplikax fil-każ ta' suċċessjonijiet ta' persuni li mietu qabel is-17 ta' Awwissu 2015.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel u qabel kollox trid tiġi trattata l-kwistjoni tad-dritt internazzjonali privat dwar liema liġi għandha tapplika għas-suċċessjoni tal-assi mobbli tad-defunt. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ ta'* ***Doris Mamo noe v. Bank of Valletta plc****, tat-12 ta' Marzu 2008, ikkonfermata fil-mertu mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010:*

> *«Kif jidher minn dak illi ntqal, il-kwistjoni prinċipali li trid tiġi deċiża hija waħda ta' dritt internazzjonali privat u ċjoè liema liġi tapplika biex jiġi determinat min għandu dritt għall-kontijiet bankarji tal-mejta li jinsabu f'Malta. Ġie ripetut diversi drabi mill-Qrati tagħna li fejn ma hemmx liġi li tapplika għall-każ, għandhom jiġu addottati r-regoli tad-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit. Fil-liġi tagħna ma jinstabux dispożizzjonijiet li jirregolaw id-dritt internazzjonali privat u fi kwistjonijet li jaqgħu taħt dan id-dritt il-Qrati tagħna jimxu fuq ir-regoli tad-Dritt internazzjonali privat kif huma magħrufin u applikati fil-Qrati tal-Ingilterra. (***Giovanna Spiteri v. Enrico Soler et*** *– Qorti tal-Appell - 22 ta' Ottubru, 1937). Dan l-insenjament ġie repetut diversi drabi u għalkemm probabbilment mibni fuq il-premessa dubjuża li dan id-dritt huwa branka tad-dritt pubbliku din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddipartixxi minnu. Naturalment matul dawn l-aħħar snin daħlu diversi normi li jirregolaw uħud mir-regoli li japplikaw f'ċertu ċirkostanzi, iżda dan żgur ma sarx fir-rigward ta' kwistjoni bħal dik odjerna.*
>
> *Stabbilit dan, huwa ċar li fil-każ in eżami għandu japplika l-lex domicili. L-istess sentenza infatti wkoll tgħid illi skont dawn il-prinċipji għandha ssir distinzjoni bejn ħwejjeġ mobiljari u ħwejjeġ immobiljari. Fil-każ tal-ħwejjeġ immobiljari hija r-regola li l-akkwist u t-trasferiment tagħhom b'kull xorta ta' titolu huma governati mill-lex rei sitae mentri fil-każ ta' ħwejjeġ mobiljari huma governati bħala regola ġenerali mil-liġi tad-domiċilju. Fil-manwal magħruf Private International Law – Cheshire and North, (It-tlettax edizzjoni paġna 985) wieħed isib illi, "It has been established for some two hundred and fifty years that movable property in the case of intestacy is to be distributed according to the law of the domicile of the intestate at the time of his death" u illi "the general rule is that testamentary succession to movables is governed exclusively by the law of the domicile of the deceased at the time of his death."»*

*Applikati dawn il-prinċipji għal każ tal-lum, din il-Qorti tqis inapplikabbli t-teżi tal-atturi li Martin Falzon kien baqa' domiċiljat hawn Malta, mingħajr ma ġiet preżentata l-ebda prova f'dan is-sens. Il-fatt li l-aħwa Falzon kienu qegħdin jaqblu dwar il-pajjiż ta' domiċilju tad-defunt mhuwiex biżżejjed għaliex l-aħjar prova trid issir dejjem. F'dan il-każ seta' ghall-inqas jiġi preżentat id-digriet tal-Qorti ta' Brighton. Din il-Qorti ma tistax ma tkunx mħassba sew dwar il-fatt illi minkejja li l-atturi jgħidu li għandhom kopja tal-grant of probate, huma għażlu li ma jippreżentawhx. Huma donnhom qegħdin jistrieħu fuq e-mail fejn l-imsejħa fil-kawża infurmat lill-attur li fid-dikjarazzjoni għall-ħruġ tal-grant of probate hija ddikjarat illi Martin Falzon kien domiċiljat hawn Malta, imma l-eżitu ta' din id-dikjarazzjoni għal ħruġ ta' dan id-digriet baqa' mistur għall-Qorti.*

*Għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili ma jirrikjedix ċertezza mingħajr dubju dettat mir-raġuni, ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili trid tkun prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. B'żieda ma dan kollu, mhuwiex biżżejjed li l-atturi juru li d-defunt kellu passaport Malti jew li kien rċieva ittra ġenerika mingħand l-awtoritajiet tas-saħħa li huwa magħruf li tintbagħat lil kull min għandu karta tal-identità Maltija. Skont iċ-ċertifikat tal-mewt maħruġ mill-awtoritajiet Ingliżi, Martin Falzon kien jgħix u jaħdem l-Ingilterra. Huwa għamel testment l-Ingilterra u l-ebda wieħed hawn Malta. Ċertament allura ma ġiex muri għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti fejn kien domiċiljat Martin Falzon meta miet.*

*Fiċ-ċirkostanzi kollha, u senjatament għaliex quddiem din il-Qorti ma tressqitx prova konvinċenti dwar id-domiċilju tad-defunt Martin Falzon, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li għandha tapplika l-liġijiet ta' Malta għall-mobbli, ossia flus depożitati fil-kontijiet miżmuma mal-bank intimat. Isegwi għalhekk li ma ġiex muri li l-bank intimat aġixxa illegalment meta rrilaxxa l-flus in kwistjoni lill-imsejħa fil-kawża.»*

10. L-atturi aħwa Falzon appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Lulju, 2020, u talbu għat-tħassir tagħha, b'riħet b'żewġ aggravji, li jistgħu jinġabru hekk: (i) li hemm biżżejjed provi fl-atti tal-kawża li juru li l-mejjet Martin Joseph Falzon baqa' domiċiljat f'Malta; u (ii) li għalkemm ma nġabitx prova tal-kontenut tal-*grant of probate*, madankollu l-prova tal-eżistenza tiegħu tirriżulta minn provi oħra miġjuba fl-atti tal-kawża.

11. Flimkien mar-rikors tal-appell tas-17 ta' Lulju, 2020, l-atturi ppreżentaw rikors li permezz tiegħu huma talbu lil din il-Qorti tħallihom jippreżentaw kopja tal-*Grant of Probate* tal-11 ta' Novembru, 2015. Minkejja li l-bank konvenut oġġezzjona għal din it-talba, din il-Qorti b'digriet mogħti fil-31 ta' Awwissu, 2020 aċċettat li dan id-dokument jidħol jagħmel parti mal-atti tal-kawża.

12. Il-bank konvenut wieġeb għal dan l-appell fis-7 ta' Awwissu, 2020, u fit-tweġiba tiegħu huwa semma r-raġunijiet għalfejn jemmen li l-appell ewlieni tal-atturi għandu jiġi miċħud.

13. Minbarra tweġiba għall-appell ewlieni, il-bank konvenut ippreżenta wkoll appell inċidentali fejn fih huwa talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi iżda għar-raġunijiet differenti minn dawk imsemmija mill-Ewwel Qorti. Fl-ispeċifiku l-bank konvenut qal li irrispettivament mill-kwistjonijiet marbuta mad-domiċilju tal-mejjet u mal-liġi applikabbli, huwa mexa bil-galbu u skont il-liġi meta ħalla lill-imsejħa fil-kawża Marisa Gabrielle Lincoln toħroġ il-flus li kien hemm depożitati fil-kontijiet tal-mejjet. Isostni li Marisa Gabrielle Lincoln ma kellhiex għalfejn tiġi kkonfermata bħala eżekutriċi testamentarja tal-mejjet mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja f'Malta jew Għawdex għaliex il-mejjet ma kienx joqgħod fil-gżejjer Maltin fiż-żmien tal-mewt tiegħu, iżda kien joqgħod fl-Ingilterra. Għalhekk jargumenta li għall-għanijiet tal-**Artikolu 765 tal-Kodiċi Ċivili** kien biżżejjed jekk tali konferma ssir mill-awtoritajiet Ingliżi, ħaġa li kien hemm f'dan il-każ.

14. L-atturi wieġbu għall-appell inċidentali tal-bank fis-7 ta' Settembru, 2021 u fissru għala dan l-appell m'għandux jintlaqa'. Fir-risposta tagħhom, l-atturi qajmu wkoll in-nullità tal-appell inċidentali tal-bank konvenut għaliex jgħidu li l-bank seta' fl-appell inċidentali tiegħu jitlob biss

it-tħassir jew ir-riforma tas-sentenza appellata, iżda mhux il-konferma tas-sentenza appellata għar-raġunijiet differenti.

15. L-imsejħa fil-kawża Marisa Gabrielle Lincoln ma ressqet l-ebda risposta fir-reġistru tal-Qorti, la għall-appell ewlieni tal-atturi u lanqas għall-appell inċidentali tal-bank konvenut. Minflok hija bagħtet pakkett bil-posta, li ġie indirizzat personalment lil kull wieħed mit-tliet Imħallfin li qegħdin ipoġġu f'din il-Qorti, li kien jiġbor fih għadd ta' sottomissjonijiet u dokumenti. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2024, din il-Qorti ddikjarat illi hi ma kinitx sejra tqis l-ittra u d-dokumenti li ġew mibgħuta bil-posta mill-imsejħa fil-kawża.

16. Inżamm smigħ fit-23 ta' Mejju, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. Din il-Qorti jħossha fid-dmir li tibda bir-riflessjoni li l-imsejħa fil-kawża Marisa Gabrielle Lincoln imxiet ħażin ħafna meta qabdet u bagħtet ittra indirizzata personalment lil kull wieħed mill-Imħallfin li qegħdin ipoġġu f'dan l-appell. Jekk l-imsejħa fil-kawża xtaqet illi tressaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-appell ewlieni tal-atturi u/jew l-appell inċidentali tal-bank konvenut, hija messha ressqithom b'mod formali fir-

reġistru tal-Qorti u mhux billi tibgħat ittra indirizzata personalment lill-Imħallfin.

18. Il-korrettezza u s-sewwa jitolbu li sottomissjonijiet u talbiet f'kawża għandhom dejjem isiru permezz ta' att ġudizzjarju mressaq fir-reġistru tal-qrati u mhux b'mezzi oħra li mhumiex permessibli bil-liġi (ara ***Johan Huy pro et noe v. Mark Attard*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru, 2021).

19. Tajjeb li jiġi mfakkar hawnhekk, li kull Imħallef ħa ġurament skont l-**Artikolu 10 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li ma jikkomunikax:

> «*direttament jew indirettament, ma' ebda waħda mill-partijiet f'kawża f'waħda jew oħra mill-qrati superjuri jew inferjuri, lanqas ma' l-avukati jew prokuraturi legali tagħhom, lanqas ma' ħaddieħor, fl-isem ta' waħda jew oħra mill-partijiet, dwar kawża li tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tibda jew tissokta f'waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, barra minn fil-qorti bil-miftuħ, ħlief fil-każijiet li l-liġi ssemmi espressament.*»

20. Minbarra dan, il-liġi titlob ukoll skont l-**Artikolu 25 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li:

> «***il-partijiet f'kawża***, *kif ukoll l-avukati, il-prokuraturi legali, u kull persuna oħra fl-isem u għall-partijiet f'kawża,* ***ma jistgħux****, taħt il-pieni msemmija fl-artikolu 997,* ***jikkomunikaw privatament mal-imħallfin jew mal-maġistrati fuq affarijiet li jkunu jew li għandhom jinġiebu quddiem waħda jew oħra mill-qrati tal-ġustizzja.***»

21. Il-konsegwenza loġika li titnissel minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi hija li din il-Qorti ma tistax tieħu kont ta' ittri, pakketti, dokumenti,

messaġġi u kull xorta oħra ta' komunikazzjoni, li minflok jiġu ppreżentati b'mod formali u trasparenti fir-reġistru tal-qrati, jiġu mibgħuta personalment lill-Imħallfin li jkunu qegħdin jisimgħu l-każ. Parti ma tistax tipprova tikkomunika jew tibgħat messaġġ lill-Imħallfin minn wara dahar il-partijiet l-oħra. Tali imġiba mhux biss hija waħda żleali, iżda taf tniġġes ukoll il-proċess ġudizzjarju għaliex il-partijiet għandhom ikollhom is-serħan tal-moħħ li l-kawża ħa tinqata' mill-Qorti fuq dak li hemm fl-atti tal-kawża u mhux fuq dak li l-parti tressaq minn wara l-kwinti.

22. Tassew dak li parti trid tressaq jew tixtieq tgħid f'kawża għandha tagħmlu fir-reġistru tal-Qorti jew waqt is-smigħ tal-kawża. Minħabba f'hekk, għalkemm il-Qorti qiegħda tħalli fl-atti tal-kawża l-ittra u d-dokumenti li ġew mibgħuta b'mod irritwali mill-imsejħa fil-kawża Marisa Gabrielle Lincoln, sabiex b'hekk il-partijiet kollha jkollhom għarfien ta' dak li rċevew l-Imħallfin, b'danakollu l-istess Qorti qiegħda ttenni dak indikat minnha fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2024, illi hija sejra tinjora dak kollu li ġiet mibgħut mill-imsejħa fil-kawża b'mod irregolari.

23. Il-Qorti qiegħda tagħlaq fuq dan l-inċident billi tgħid li hija mhijiex sejra tordna li jittieħdu passi ta' disprezz taħt l-**Artikolu 997 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kontra l-imsejħa fil-kawża, li tgħix barra minn Malta. Dan għaliex l-imġiba tagħha, hija aktar frott ta' nuqqas tagħha ta' għarfien tal-liġi Maltija u nuqqas ta' għaqal min-naħa tagħha li

tqabbad avukat biex jassistiha, milli biex tipprova tonqos fir-rispett lejn il-Qorti. Biss però issa l-imsejħa fil-kawża taf ċar u tond li hija ma tistax tagħmel ħwejjeġ bħal dawn. Kif jgħid il-qawl Malti: bniedem avżat nofsu armat.

24. Magħluqa din il-kwistjoni, il-Qorti sejra issa tissokta biex tqis l-**<u>appell ewlieni</u>** tal-atturi.

25. Jidher ċar li l-atturi ressqu din il-kawża fuq il-premessa ewlenija li l-bank konvenut ma messux ħalla lill-imsejħa fil-kawża toħroġ il-flus tal-mejjet, li dan kellu ddepożitati f'kontijiet miżmuma mill-istess bank, ladarba l-imsejħa fil-kawża la kienet ikkonfermata bħala l-eżekutriċi testamentarja tal-mejjet mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja skont l-**Artikolu 765 tal-Kodiċi Ċivili** u lanqas ma kienet obbligat ruħha b'ipoteka ta' ħwejjiġha, illi hi kienet ħa tħares ir-rieda tal-mejjet kif espressa fit-testment tiegħu u li hi kienet ħa tagħti kont tal-amministrazzjoni tagħha kif jitlob l-**Artikolu 766 tal-Kodiċi Ċivili**.

26. Tajjeb li jingħad ukoll li l-atturi appellanti u l-bank konvenut mhumiex jikkontestaw il-fatt li f'dan il-każ ma jgħoddux id-dispożizzjonijiet tar-**Regolament dwar is-Suċċessjoni Nru 650/2012**, peress li Martin Joseph Falzon miet qabel is-17 ta' Awwissu, 2015 (ara **Artikolu 958B tal-Kodiċi Ċivili**), bħalma lanqas ma huma qegħdin jikkontestaw il-fatt li

s-suċċessjoni tal-kontijiet bankarji li Martin Joseph Falzon kellu f'Malta hija regolata bil-liġi tad-domiċilju tiegħu (*lex domicilii*). Kemm hu hekk din il-Qorti m'għandhiex appelli fuq dawn il-punti.

27. It-tilwima li hemm bejn il-partijiet f'dan l-istadju hija dwar il-lok tad-domiċilju tal-mejjet Martin Joseph Falzon.

28. L-Ewwel Qorti kkonkludiet fis-sentenza tagħha li ma ġiex ippruvat mill-atturi illi l-mejjet kellu domiċilju Malti. Għalhekk hija qalet li ma kinitx tgħodd il-liġi Maltija għal dawn il-flejjes u b'hekk għaddiet billi ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

29. Issa fl-**ewwel aggravju** tagħhom l-atturi qegħdin jgħidu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin li huma ma ressqux provi biex isostnu l-fatt allegat minnhom li l-mejjet Martin Joseph Falzon kien domiċiljat f'Malta.

30. Minflok huma jsostnu li fl-atti tal-kawża hemm biżżejjed provi li juru li l-mejjet kien tabilħaqq domiċiljat f'Malta. Skonthom dawn il-provi jikkonsistu: (i) fid-dikjarazzjoni maħlufa ta' Marisa Gabrielle Lincoln (l-eżekutriċi testamentarja tal-mejjet) li hija għamlet quddiem il-Qorti ta' Brighton fit-talba tagħha għall-ħruġ tal-*Grant of Probate* (ara paġni 61, 62, 131 u 132 tal-atti tal-kawża), fejn qalet li l-mejjet kien domiċiljat f'Malta; (ii) fid-dikjarazzjoni magħmula minn George Frederick Falzon, meta dan

irrinunzja li joqgħod bħala eżekutur testamentarju tal-mejjet, fejn ukoll stqarr li l-mejjet kien domiċiljat f'Malta (ara paġna 130 tal-atti tal-kawża); (iii) fix-xhieda mhux meruta tal-atturi Michael u Alexander Falzon (ara paġni 49 sa 53 u 105 sa 107 tal-atti tal-kawża); u (iv) fil-passaport Malti tal-mejjet (ara paġna 156 tal-atti tal-kawża) u fl-ittra li l-Awtoritajiet tas-Saħħa kienu bagħtu lill-mejjet sabiex joqgħod għal «*screening for colorectal cancer*» (ara paġna 157 tal-atti tal-kawża).

31. B'żieda ma' dan, l-atturi jgħidu li għalkemm il-partijiet naqsu milli jippreżentaw kopja tal-*Grant of Probate*, madankollu ħadd mill-partijiet ma mera l-fatt li dan inħareġ. Anzi jisħqu li fl-atti tal-kawża saru ħafna referenzi għalih.

32. F'dan il-*Grant of Probate* maħruġ mill-*High Court of Justice* fid-*District Probate Registry* ta' Brighton fil-11 ta' Novembru, 2015 (ara paġna 313 tal-atti tal-kawża), li din il-Qorti ħalliet li jiġi ppreżentat f'dan l-istadju tal-appell b'digriet tal-31 ta' Awwissu, 2020 (ara paġna 334 tal-atti tal-kawża), insibu miktub hekk:

> *«BE IT KNOWN that **MARTIN JOSEPH FALZON***
>
> *of **45 Furze Croft Furze Hill Hove East Sussex BN3 1 PD***
>
> *died on the **30th** day of **April 2015***
> *domiciled in **Malta***
>
> *AND BE IT FURTHER KNOWN that the last Will and Testament of the said deceased (a copy of which is annexed) was proved and registered in the High Court of Justice and that Administration of all*

> *the estate which by law devolves to and vests in the personal representative of the said deceased was granted by the said Court on this date to the Executor*
>
> ***MARISA LINCOLN** of **38 Silverknowes Court Edinburgh Scotland EH4 5NP***
>
> *It is hereby certified that it appears from information supplied on the application for this grant that the gross value of the said estate in England and Wales amounts to £279,756 and the net value of such estate amounts to £271,494*
>
> *DATED the **11th** day of **November 2015**.»*

33. Min-naħa tiegħu l-bank konvenut iwieġeb għal dan l-aggravju billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma waqfitx biss mal-osservazzjoni ġenerali li l-*Grant of Probate* ma ġiex imressaq fl-atti tal-kawża, tant li l-Ewwel Qorti qalet ukoll li d-domiċilju Malti ma ġiex ippruvat, peress li l-mejjet kien jgħix u jaħdem fl-Ingilterra qabel il-mewt tiegħu u t-testment tiegħu sar l-Ingilterra wkoll.

34. Mela kif għidna aktar kmieni, il-qofol tal-appell ewlieni tal-atturi huwa dwar il-post tad-domiċilju tal-mejjet. Fuq naħa minnhom għandek lill-atturi appellanti li qed jgħidu li l-mejjet kien domiċiljat Malta kif ġie ddikjarat fl-atti maħruġa mill-awtoritajiet Ingliżi, filwaqt li l-bank konvenut u l-Ewwel Qorti qed jgħidu li l-mejjet kien domiċiljat x'imkien ieħor. Għalkemm ma jingħadx hekk b'mod espliċitu fis-sentenza appellata, din il-Qorti qiegħda tifhem li l-Ewwel Qorti dehrilha li l-mejjet kien domiċiljat fl-Ingilterra għaliex huwa kien jgħix hemmhekk meta miet u anke għamel it-testment tiegħu hemm.

35. Illi qabel tgħaddi għall-fehma tagħha, din il-Qorti tara li jkun xieraq li l-ewwel tislet il-prinċipji l-aktar saljenti tal-kunċett tad-domiċilju, kif dawn żviluppaw mid-duttrina u mill-ġurisprudenza tagħna.

36. Jibda billi jingħad li fil-każ ***Valentini utrinque*** deċiż fid-19 ta' Ottubru, 1923, il-Qorti tal-Appell kienet stabbiliet li fin-nuqqas ta' dispożizzjoni *ad hoc* fil-liġi Maltija, kwistjonijiet marbuta mad-dritt internazzjonali privat għandhom dejjem jiġu deċiżi skont il-prinċipji mħaddna fil-liġi Ingliża (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Carmela Smith v. Ugo Muscat Azzopardi L.P. et*** mogħtija fl-4 ta' Frar, 1936). L-istess ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Giovanna Spiteri v. Enrico Soler et*** deċiża fit-22 ta' Ottubru, 1937, illi:

> *«Fil-liġi tagħna ma jinstabux dispożizzjonijiet li jirregolaw id-dritt internazzjonali privat u fi kwistjonijet li jaqgħu taħt dan id-dritt il-Qrati tagħna jimxu fuq ir-regoli tad-Dritt internazzjonali privat kif huma magħrufin u applikati fil-Qrati tal-Ingilterra.»*

37. Dan ifisser li ġaladarba fil-liġi Maltija m'għandniex tifsira eżatta ta' x'jikkostitwixxi d-domiċilju, allura wieħed irid tabilfors jagħmel riferenza għall-prinċipji kif imnissla fil-liġi u fil-ġurisprudenza Ingliża.

38. Il-kunċett ta' domiċilju huwa «*a personal connecting factor*», li jservi biex jorbot persuna ma' sistema legali partikolari. Dwar dan, ***Morris*** fl-

opra tiegħu, ***The Conflict of Laws***, f'paġni 15-16, jgħidilina li taħt il-Liġi Ingliża,

> *«It is a settled principle that no man shall be without a domicile, and to secure this result the law attributes to every individual as soon as he is born the domicile of his father, if he is legitimate, and the domicile of the mother if illegitimate. This has been called the domicile of origin, and is involuntary.»*

39. Id-domiċilju tal-oriġini jew tan-nisel jista' jiġi mwarrab favur id-domiċilju tal-għażla (ara ***Coleiro v. Parnis et*** deċiż mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' Marzu, 1928). Biss però l-ebda persuna ma jista' jkollha f'daqqa aktar minn domiċilju wieħed (ara ***Loreto Camilleri v. Avv. Dr. George Degiorgio et ne*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu, 1949). Taħt dan il-profil il-ġuristi ***North, P. and Fawcett, J.J.*** jgħidu li,

> *«… a person cannot have two domiciles. Since the object of the law in insisting that no person shall be without a domicile is to establish a definite legal system by which certain of his rights and obligations may be governed, and since the facts and events of life frequently impinge upon several countries, it is necessary on practical grounds to hold that he cannot possess more than one domicile at the same time, at least for the same purpose» (**Cheshire and North's Private International Law**, pġ. 135).*

40. Dejjem skont iċ-***Cheshire***, «*The time at which domicile is to be determined is the time when proceedings are commenced, not at the later time when the case is tried.*» Dan ġie wkoll ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmelo Grech v. P.L. Joseph Busuttil*** tas-7 ta' Diċembru 1953 meta esprimiet ruħha li,

> *«hija unanimi l-ġurisprudenza tagħna li f'din il-materja wieħed għandu jħares lejn il-mument li fih tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni għaliex dak*

> *hu l-mument li fih il-Qorti tiġi msejħa tesplika l-ministeru tagħha (***Kollez. Vol. XXVI, Parte I, Sezione II, paġ 37***).»*

41. Il-bdil tad-domiċilju jiddependi mit-twettiq taż-żewġ elementi ta' ***animus et factum*** (i.e. ħsieb u fatt). Ifisser għalhekk li biex wieħed ibiddel id-domiċilju tiegħu wieħed irid jistabbilixxi ruħu f'pajjiż differenti minn dak tal-oriġini tiegħu, bl-intenzjoni li jistabbilixxi ruħu hemmhekk b'mod permanenti.

42. Biex jiġi ppruvat dan il-bdil ta' domiċilju, jiġifieri biex wieħed jiġi li abbanduna d-domiċilju tal-oriġini ("*domicile of origin*") u assuma domiċilju ġdid ("*domicile of choice*"), minbarra ċ-ċaqliq tal-abitazzjoni tiegħu għal pajjiż ieħor, hemm bżonn il-prova tal-intenzjoni li dak li jkun sejjer jibqa' hemm permanentement, u li mhux sejjer imur lura. Għalhekk minbarra l-fatt materjali taċ-ċaqliq tal-abitazzjoni hemm bżonn il-prova tal-«*animus manendi et non reduendi*» (ara ***Ettore Ripard et v. Paolo Vella*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Mejju 1935).

43. Ingħad f'dan ir-rigward, li biex ikun hemm bdil tad-domiċilju tal-oriġini mhux biżżejjed li dak li jkun ikun għex għal ħafna snin f'pajjiż barrani minħabba raġunijiet ta' kummerċ jew ta' xogħol, anke jekk dak li jkun ikun saħansitra ċaqlaq miegħu l-familja. Mod ieħor il-bdil tad-domiċilju jeħtieġ li jiġi ppruvat b'evidenza preċiża u konklussiva, li dak li jkun ma kellu l-ebda ħsieb li jmur lura fil-post tad-domiċilju tal-oriġini

tiegħu. Għalhekk sakemm ma jiġix ippruvat li l-individwu inkwistjoni jkun stabbilixxa domiċilju ġdid bl-intenzjoni soda li joqgħod hemm b'mod permanenti, huwa għandu jitqies li żamm id-domiċilju tal-oriġini tiegħu (ara ***Cecy v. Bellutis*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Frar, 1888, ***Rutter v. Rutter*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 1907, ***Warrington v. Carter*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 1923 imbagħad konfermata fl-appell fit-18 ta' Novembru 1925 u ***Teresa moglie di Gio. Batta Dimech v. Carmela vedova Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar 1925).

44. Fuq l-istess linji l-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha ***Camilleri v. Bartolo*** tal-1 ta' Ġunju 1863 kienet tenniet li, «*il cambiamento del domicilio segue colla traslazione effettiva dell'abitazione in un altro luogo unita all'intenzione di fissarvi il proprio principale stabilimento*», li maqlub għall-Malti jfisser: li l-bidla tad-domiċilju sseħħ bit-trasferiment attwali tad-dar għal post ieħor, imżewweġ mal-intenzjoni li wieħed jistabbilixxi ruħu b'mod prinċipali hemmhekk.

45. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Salvina Xerri pro et noe v. Dr. Richard Sladden nomine*** deċiża fil-15 ta' Diċembru, 2015, b'referenza għall-awturi ***Cheshire and North*** fuq imsemmija:

> *«Dan ir-rekwiżit tal-intenzjoni jiġi sodisfaċentement ippruvat billi jiġi ikkunsidrat kull avveniment fil-ħajja ta' persuna. "It is impossible to lay down any positive rule with respect to the evidence necessary to prove intention. All that can be said is that every conceivable event and incident in a man's life is a relevant and an admissible indication of his*

> *state of mind. It may be necessary to examine the history of his life with the most scrupulous care, and to resort even to hearsay evidence where the question concerns the domicil that a person, now deceased, possessed in his lifetime. Nothing must be overlooked that might possibly show the place which he regarded as his permanent home at the relevant time. No fact is too trifling to merit consideration… However, undue stress must not be laid on any single fact, however impressive it may appear when viewed out of its context, for its importance as a determining factor may well be minimized when considered in the light of other quantifying events. Again no one fact is of constant value, for every case varies in its circumstances, and what is of decisive importance in one may be of little weight in another" (ibid pag. 148-149).»*

46. Anke d-Dritt Ruman kien fl-istess sens, għaliex kien jgħid li, «*Sola domus possessio, quae in aliena civitate comparatur, domicilium non facit*» - li tradott għall-Malti jiġi hekk: il-pussess biss ta' dar miksuba f'belt oħra, ma jsarrafx fi bdil tad-domiċilju. Hekk ukoll kien jingħad li, «*domicilium re et facto transfertur, non nuda contestatione*» i.e. id-domiċilju ma jinbidilx b'sempliċi stqarrija iżda jrid jinbidel fir-realtà u bi stat ta' fatt.

47. Il-piż tal-prova tal-bdil tad-domiċilju jaqa' dejjem fuq min jallega li tkun saret dik il-bidla (ara ***Saviour Chircop et v. Avukat Dottor Renè Frendo Randon nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 1979). Mhux biss il-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jinvoka l-bdil tad-domiċilju; iżda tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li l-abbandun tad-domiċilju tal-oriġini ma jista' qatt jiġi preżunt qabel ma jiġi ppruvat illi ġie miksub domiċilju ieħor (ara ***Saguna v. Axiak*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 1865).

48. Fl-aħħar nett meta ġudikant jiġi biex jgħarbel il-provi, «*more reliance is placed upon conduct than upon declarations of intention, especially if they are oral*» (*ara* ***McMullen v. Wadsworth*** (1889) 14 App Cas 631 at 636, PC). Dan jgħodd ukoll għal dikjarazzjonijiet li jagħmlu terzi dwar x'suppost kienet l-intenzjoni ta' ħaddieħor.

49. Imħaddma dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt għall-każ tagħna, din il-Qorti tosserva li Martin Joseph Falzon twieled ġewwa Malta fit-18 ta' Novembru, 1957 u miet fl-appartament ta' fejn kien joqgħod fil-belt ta' Hove fl-Ingilterra nhar it-30 ta' April, 2015, fl-età ta' 57 sena (ara ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu li jinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża).

50. Barra minn hekk, kemm mir-riċerki testamentarji magħmula fir-Reġistru Pubbliku (ara paġna 6 tal-atti tal-kawża) u fir-reġistri miżmuma fil-qrati ta' ġurisdizzjoni volontarja (ara paġna 7 tal-atti tal-kawża), kif ukoll fid-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula mill-atturi u mill-imsejħa fil-kawża nhar is-26 ta' Ottubru, 2015, jirriżulta li Martin Joseph Falzon kien iben Francis u Esther Falzon née Cauchi u twieled tas-Sliema (ara paġna 109 tal-atti tal-kawża).

51. Peress li l-mejjet Martin Joseph Falzon twieled f'Malta minn ġenituri Maltin, allura din il-Qorti qiegħda tifhem li d-domiċilju tal-oriġini tiegħu kien

Malta. La dan hu hekk, l-atturi appellanti li kienu qegħdin isostnu li d-domiċilju tal-mejjet kien Malta, ma kellhom jippruvaw xejn. Dan għaliex kif ingħad qabel, sakemm ma jiġix ippruvat li l-individwu inkwistjoni jkun stabbilixxa domiċilju ġdid bl-intenzjoni soda li joqgħod hemm b'mod permanenti, huwa għandu jitqies li żamm id-domiċilju tal-oriġini tiegħu.

52. Huwa minnu li mill-atti tal-kawża ħareġ li Martin Joseph Falzon kien jgħix fl-Ingilterra u li huwa anke għamel testment hemmhekk. B'daqshekk iżda dan ma jfissirx li huwa abbanduna d-domiċilju tal-oriġini tiegħu. Kif rajna, id-domiċilju tal-oriġini jinbidel bid-domiċilju tal-għażla jekk jintwera bi provi ċari u konklussivi li dak li jkun ma kellux il-ħsieb li jmur lura lejn art twelidu. Sewwasew fil-każ tagħna, ma hemm l-ebda prova fl-atti tal-kawża li turi li Martin Joseph Falzon, f'xi mument f'ħajtu, kien ifforma l-ħsieb determinat li jibqa' jgħix fl-Ingilterra b'mod permanenti.

53. Il-fatt li kien jgħix fl-Ingilterra ma jfissirx li hu ried jibqa' hemm. Fuq kollox il-fatt li huwa kellu għadd ġmielu ta' kontijiet bankarji f'Malta u żamm il-ġid immobbli f'Malta li kien ġej mill-wirt tal-ġenituri tiegħu, juri li huwa ma kellux il-ħsieb li jaqta' għalkollox minn Malta.

54. B'żieda ma' dan, il-*High Court of Justice* fid-*District Probate Registry* ta' Brighton ikkonfermat id-dikjarazzjonijiet magħmula minn Marisa Gabrielle Lincoln (l-eżekutriċi testamentarja tal-mejjet) u minn

George Frederick Falzon illi l-mejjet kien domiċiljat f'Malta. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma toqgħodx fuq dikjarazzjonijiet maħlufa li ġew aċċettati minn awtoritajiet barranin.

55. Ma ninsewx ukoll li t-tibdil tad-domiċilju għandu jkun ippruvat bi provi ċari u preċiżi u li kif intqal mill-awturi ***Cheshire and North***, aktar qabel imsemmija, «*… … … there is the strongest possible presumption in favour of the continuance of a domicil of origin. As contrasted with the domicil of choice, it has been said by Lord Macnaghten that "its character is more enduring, its hold stronger and less easily shaken off.*»

56. Sewwasew f'dan il-każ din il-Qorti ma jidhrilhiex li fl-atti tal-kawża ġew imressqa provi biżżejjed sodi li juru li Martin Joseph Falzon abbanduna d-domiċilju tal-orġini tiegħu favur domiċilju ieħor fl-Ingilterra. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li anke għall-awtoritajiet Ingliżi l-mejjet kien meqjus bħala domiċiljat f'Malta.

57. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-atturi għandhom raġun jgħidu li d-domiċilju tal-mejjet kien f'Malta. Jiġi b'hekk li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta warrbet it-talbiet attriċi fuq il-konklużjoni li l-liġi Maltija mhijiex applikabbli. Fin-nuqqas ta' provi ċari li kien hemm bdil fid-domiċilju, l-Ewwel Qorti kellha minflok toqgħod fuq il-preżunzjoni li l-mejjet żamm id-domiċilju tal-oriġini tiegħu.

58. L-ewwel aggravju tal-atturi appellanti għalhekk qed jitqies bħala wieħed mistħoqq, fis-sens li billi d-domiċilju tal-mejjet baqa' dak Malti, allura s-suċċessjoni tal-kontijiet bankarji li l-mejjet kellu f'Malta għandha tiġi regolata skont il-liġi Maltija.

59. Illi filwaqt li l-ilqugħ ta' dan l-aggravju jwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata għaliex din ingħatat fuq il-premessa ħażina li l-liġi Maltija mhijiex applikabbli, dan però ma jwassalx bilfors għall-ilqugħ tat-talbiet atturi. Biex jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi, jeħtieġ li jintwera li l-bank konvenut awtorizza l-ħruġ tal-flus tal-mejjet mill-kontijiet bankarji tiegħu bi ksur tal-liġi Maltija.

60. Dan l-għarbiel dwar jekk il-bank konvenut ħalliex li jinħarġu flus bi ksur tal-liġi Maltija għadu ma sarx mill-Ewwel Qorti. Huwa xieraq għalhekk li dan l-istħarriġ jiġi mwettaq mill-Ewwel Qorti sabiex b'hekk il-partijiet ma jitilfux il-jedd ta' eżami minn żewġ qrati.

61. Sewwasew minħabba f'hekk, din il-Qorti sejra tastjeni milli tqis l-**<u>appell inċidentali</u>** tal-bank konvenut fejn huwa qiegħed jisħaq li huwa ma mexiex bi ksur tal-liġi Maltija. Dan peress li din il-Qorti sejra tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkun hi li tiddeċiedi l-ewwel fuq dan il-punt.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti filwaqt li **tastjeni** milli tqis l-appell inċidentali tal-bank konvenut, qiegħda **tilqa'** l-appell ewlieni tal-atturi u b'hekk tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Lulju, 2020 u minflok tiddikjara li l-mejjet Martin Joseph *sive* Martin Falzon kien domiċiljat f'Malta u għalhekk is-suċċessjoni relatata mal-flus li kellu f'Malta għandha tiġi regolata skont il-liġi Maltija.

L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu riżervati sakemm l-Ewwel Qorti tagħti s-sentenza finali tagħha, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell prinċipali u mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-bank konvenut.

Fl-aħħar nett tordna li l-atti jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi t-talbiet tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut skont dak li tgħid il-liġi Maltija.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da